Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' Frar, 2005

Numru. 43/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**
vs

**PAUL BUTTIGIEG**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PAUL BUTTIGIEG** ta' tnejn u hamsin sena bin Espedito u Grazia nee Said, imwieled Sannat, Ghawdex, fil-wiehed u tletin ta' Settembru 1942 u residenti 'God Bless Canada', Triq il-Kavallier Lorenzo Zammit Haber, Xewkija, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita numru 58842G gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-sebgha w ghoxrin ta' Marzu 2004 ghall-habta tas-saghtejn neqsin hamsa ta' wara nofsinhar ghamel uzu minn bastiment zghir fl-ibhra interni jew territorjali ta' Mlta

minghajr ma l-misemmi bastiment zghir ma kien registrat mal-Awtorita Marittima ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat sitta w ghoxrin ta' Ottubru 2004 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tad-disgha ta' Dicembru 2004, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 8].

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu.

Il-Qorti ai fini ta’ piena, semghet lil Dottor Kevin Mampalao jixhed u jghid illi l-imputat ghandu kawza pendenti quddiem il-prima Awla tal-Qorti Civili li titratta fuq salvage fuq id-daghjsa mertu tal-kawza in kwistjoni. Din id-daghjsa, kif jirrizulta mill-atti u cioe` mid-dokumenti esebiti mill-imputat u cioe` permezz ta’ digriet mghoti mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili, datat 6 ta’ Frar, 2002, giet mghotija minn Anvic Gauci bhala kunsinatarju. Illi din id-daghjsa ghalhekk illum ghadha ma tistax tigi registrata f’isem l-imputat mal-Awtorita` Marittima qabel ma tigi deciza l-kawza pendenti fl-ismijiet Pawl Buttigieg vs Dottor Tanya Sciberras Camileri et, Cit. Numru 2652/199. Dottor Mampalao spjega li l-imputat qieghed kultant zmien jiehu c-cwievet minghand dan Gauci u johrog ftit bid-dajghsa biex jisservissja u kien proprju waqt li kien qed jaghmel dan is-service illi l-membri tal-Armata sabu lill-imputat isuq fl-ibhra territorjali ta’ Malta.

Rat il-fedina penali tal-imputat [fol 7] minn fejn jirrizulta li hemm registrat fuqha kontravenzjoni wahda fuq ksur ta' paci pubblika li tirrisali ghas-sena 1979 fejn kien inghata riprenzjoni w ammonizzjoni.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikolu 3(1) tal-Avviz Legali 129 tas-sena 2001 u l-artikolu 78 tal-Kap 352 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed ssib lil imputat PAUL BUTTIGIEG hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu u dan fuq ammissjoni tieghu stess, tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mitejn lira Maltin.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------